4 ta' Marzu 2014
23/2014

**ŻMIEN IR-RANDAN**

Għada, l-Erbgħa 5 ta' Marzu, il-Knisja tagħti bidu għar-Randan Imqaddes: erbgħin jum ta' talb u penitenza bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien mill-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Matul ir-Randan, il-Knisja tħeġġeġ lill-membri tagħha biex, fost affarjiet oħra, jaqraw il-Kelma ta' Alla, jieħdu sehem fis-sagramenti, u jattendu l-Eżerċizzi Spiritwali.

Bħala gwida dwar ċaħda personali u ta' karita', l-Isqfijiet iqiegħdu quddiem il-membri tal-Knisja għadd ta' opri tajba biex jagħżlu minn fosthom dawk li l-iktar jiswewlhom sagrifiċċju.

Dawn l-opri tajba jinkludu s-sehem fil-quddies nhar ta' xogħol, l-astinenza minn xorb alkoħoliku, li dak li jkun ma jpejjipx u ċaħda minn xi divertiment. Opri oħrajn huma l-Via Sagra, it-talb mal-familja bħar-Ružarju, tnaqqis fl-infiq u żieda fil-karità ma' min hu fil-bżonn, u żjarat lill-morda jew xjuħ li huma waħedhom.

Matul dan ir-Randan, l-Isqfijiet jixtiequ jħeġġu lill-Insara biex ikunu awtentiċi f'dak kollu li jagħmlu. Ifakkru li, bħal kull ħaġa oħra fil-ħajja, ir-Randan faċli jsir xi ħaġa ta' rutina li tispiċċa biex toqtol dik l-esperjenza sabiħa ta' fidi li mument bħal dan suppost jiġġenera. L-Isqfijiet iħeġġu wkoll lill-Insara sabiex iħallu lil Mulej isaffihom iżjed minn dak li hu esterjuri u li jbegħedhom mill-essenzjal. Kif spjegaw fl-Ittra Pastorali għar-Randan, "biex inkunu awtentiċi, il-fidi tagħna trid tissarraf fl-għażliet prattiċi li nagħmlu kuljum: fil-parroċċi, fil-familji, fuq il-post tax-xogħol, fl-istituzzjonijiet u fir-relazzjonijiet ta' bejnietna."

F'Ras ir-Randan u nhar il-Ġimgħa l-Kbira, kull min għalaq it-18-il sena u għadu ma daħalx fis-60 sena u mhux skużat minn xi raġuni serja, għandu d-dmir li jsum, waqt li kull min għalaq l-14-il sena għandu l-obbligu li jastjeni milli jiekol laħam jew ikel ieħor li jogħġbu ħafna.

Filwaqt li jinkuraġixxu l-penitenza fiż-żmien tar-Randan, l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi jixtiequ jfakkru li fost il-jiem u ż-żmienijiet tal-penitenza hemm il-jum tal-Ġimgħa matul is-sena kollha.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**